MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2013

Numru. 779/2011

**Pulizija**
**(Spettur Ian Abdilla)**
**vs**
**David Coleiro**
**Omissis**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati David Coleiro ta’ 42 sena bin Anthony u l-mejta Concetta nee’ Desira imwieled Hal-Luqa fis-7 ta’ Frar 1964 u residenti fi Flat Numru 7, Last Block, Triq il-Habberxa, Marsaskala u detentur tal-karta tal-identita’ numru 162364M u Omissis gew mressqa quddiemha akkuzati talli :

F’ Ottubru 2006, u fix-xhur u s-snin ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer kif ukoll barra minn dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda ,

1. Ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja ghaqda ta’ zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jaghmel reati kriminali li ghalihom jista’ jehel l-piena ta’ prigunerija ghal zmien erba’ snin jew iktar ; (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 83A (1) u (5) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

2. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, appartjena ghal ghaqda msemmija fis-Subartikolu (1) ta’ l-Artikolu 83A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ; (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 83A (2) u (5) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

F’Ottubru 2006, u fix-xhur u s-snin ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda,

3. B’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b’qerq ta’ aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija Joe Xuereb Investments Limited, u ta’ Joseph Xuereb u Josephine Xuereb ; (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

4. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta’ aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija Joe Xuereb Investments Limited, u ta’ Joseph Xuereb u Josephine Xuereb, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ; (Dan bi ksur ta’ Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

5. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor

jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’qerq ta’ aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija MRCD Limited, u ta’ Antonia Cachia, Bernard Cachia u Victor Cachia ; (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

6. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna/i is-somma ta’ aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija MRCD Limited, u ta’ Antonia Cachia, Bernard Cachia u Victor Cachia, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ; (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

7. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b’mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’qerq ta’ aktar minn elf liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija E. Grech Cristal Bath Limited, u ta’ Emanuel Grech u Keith Grech ; (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

8. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta’ aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija E. Grech Cristal Bath Limited, u ta’ Emanuel Grech u Keith Grech, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ; (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

9. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi

wera haga b'ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu ta' l-istabilliment Alltiles, u ta' David Camilleri u Edmond Camilleri ; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

10. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, appropja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persua/i ohra, is-somma ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu ta' l-istabilliment Alltiles, u ta' David Camilleri u Edmond Camilleri, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

11. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija Biedbug Development Limited, u ta' Raymond Briffa u Georgina Briffa ; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

12. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija Biedbug Development Limited, u ta' Raymond Briffa u Georgina Briffa, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

13. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor ingann, jew billi

wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija SF Trading Limited, u ta' Alexander Friggieri u Kevin Friggieri ; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 209 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

14. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija SF Trading Limited, u ta' Alexander Friggieri u Kevin Friggieri, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta).

15. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tan-negozju Gauci Enterprises, u ta' Frank Gauci ; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

16. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tan-negozju Gauci Enterprises, u ta' Frank Gauci, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ; (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).
Lil omissis wahdu

17. F'Ottubru 2006, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta'

ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’qerq ta’ aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija Tatara Limited, Paul Auto Dealer, u ta’ Paul Micallef. (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

18. F’Jannar 2004, u fix-xhur u s-snin ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’qerq ta’ aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu ta’ Anthony Ciantar u Raymond Vassallo ; (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Lil David Coleiro wahdu

19. F’Ottubru 2006, u fix-xhur u s-snin ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’qerq ta’ aktar minn elf Liri Maltin ghad-dannu tal-kumpanija Auto Valley Service Station, u ta’ Carmel Borg ; (Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti kienet wkoll gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom

x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li permezz tad-digriet tal-16 ta' Mejju 2008 il-Qorti laqghet it-talba sabiex il-proceduri fil-konfronti tal-imputat jiprocedu separatament minn dawk fil-konfronti ta' omissis.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tat-3 ta' Mejju 2012 (inserita a fol. 380 tal-atti processwali) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-ligi :-

(a) fl-artikoli 18, 83A, (1) u (5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(b) fl-artikoli 18, 83A, (2) u (5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(c) fl-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(d) fl-artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(e) fl-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(f) fl-artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(g) fl-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(h) fl-artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(i) fl-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(j) fl-artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(k) fl-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(l) fl-artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(m) fl-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(n) fl-artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

(o) fl-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(p) fl-artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(q) fl-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
(r) fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tal-20 ta' Lulju 2012, l-imputat iddikjara li m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-25 ta' Gunju 2013 fejn huwa ammetta l-imputazzjonijiet ta' misappropjazzjoni, frodi u organized crime kif riflessi fin-Nota tar-Rinviju ghal Gudizzju tal-Avukat Generali.

Rat li waqt l-udjenza tal-25 ta' Gunju 2013 l-Ufficjal Prosekutur fid-dawl tal-ammissjoni registrata mill-imputat iddikjara li l-imputazzjonijiet ta' misapproprjazzjoni nghataw bhala alternattiva ghal dawk ta' frodi, u dan ifisser li l-artikoli fin-nota tal-Avukat Generali bin-numru (d)(f)(h)(j)(l)(n) u (p) huma alternattivi ghall-artikoli (c)(e)(g)(i)(k)(m) u (o) rispettivament u l-istess jista' jinghad ghall-artikolu ta' organised crime fejn l-artikoli (b) huwa alternattivi ghall- (a).

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu kif minnu ammessi salv li ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imputazzjonijiet li nghataw bhala alternattiva ghal ohrajn kif dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali kwazi nadifa izda kkunsidrat ukoll il-gravita’ tar-reati li taghhom qed jinstab hati. Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fatt li l-imputat ghamel zmien twil taht arrest preventiv u fic-cirkostanzi jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva izda mhux fil-massimu imponibbli.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta’ Rinviju ghal Gudizzju tat-3 ta’ Mejju 2012 u senjatament l-Artikoli 17, 18, 83A(1) u (5) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel(1), tat-tielet(3), tal-hames(5), tas-seba’(7), tad-disa’(9), tal-hdax(11), tat-tlettax(13), tal-hmistax(15) u tad-dsatax(19)-il imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah hames(5) snin prigunerija. Stante li l-imputazzjonijiet immarkati bhala tnejn(2), erba’(4), sitta (6), tmienja(8), ghaxra(10), tnax(12), erbatax(14) u sittax(16) inghataw bhala alternattiva ghall-imputazzjonijiet immarkati bhala wiehed(1), tlieta(3), hamsa(5), sebgha(7), disgha(9), hdax(11), tlettax(13) u hmistax(15) li taghhom l-imputat qed jinstab hati l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------